**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 7 ta` April 2016**

**Rik. Nru. 203/2014 JZM**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Turmaly Projects Limited (C48579) li kienet xjolta bi provvediment ta` din il-Qorti tal-24 ta` Marzu 2015**

**Il-Qorti :**

Rat l-atti tal-procedura ta` xoljiment tal-kumpannija Turmaly Projects Limited (C48579).

Rat l-atti li jikkostitwixxu l-procediment ta` stralc tal-istess kumpannija, inkluz il-verbali tal-udjenzi u kull att li pprezentat l-istralcarja.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarja harset il-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarja mill-hatra taghha.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarja mill-hatra taghha.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

*u*

Billi huma sodisfatti l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386, qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija Turmaly Projects Limited (C48579) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

*u*

Tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Turmaly Projects Limited (C48579).

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**